




INIZJATTIVA TAÇ-ĊITTADINI EWROPEJ

Passi proċedurali



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA – FITTEX PARIR

| WERREJ

L-ewwel strument supranazzjonali ta' demokrazija parteċipatorja	3
Preparazzjoni u reġistrazzjoni	5
Ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ	8
Sottomissjoni, eżaminazzjoni u deċiżjoni tal-Kummissjoni	11



Għandek idea għal-leġislazzjoni tal-UE?

Il-Kummissjoni Ewropea għandha l-kompetenza biex tipproponi din ix-xorta ta' leġislazzjoni?

Niedi l-inizjattiva tiegħek!

1

L-ewwel strument supranazzjonali ta' demokrazija parteċipatorja

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hi għodda ta' demokrazija parteċipatorja li tgħaqqad b'mod dirett liċ-ċittadini Ewropej mal-istituzzjonijiet tal-UE. L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tippermetti liċ-ċittadini tal-UE jikkontribwixxu għall-aġenda tal-UE.

Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu biss jistiednu l-Kummissjoni Ewropea tipproponi leġislazzjoni fl-oqsma tal-kompetenza tagħha, dwar suġġetti li dwarhom l-UE tista' tagħxi. Il-Kummissjoni mhix obbligata tipproponi leġislazzjoni bħala riżultat ta' inizjattiva li tirnexxi u tista' tiddeċiedi li ssegwi forum oħrajn ta' miżuri biex jintlaħqu l-oġettivi tal-inizjattiva.

Aktar minn hekk, jekk l-organizzaturi ta' inizjattiva jirnexxilhom jiġbru miljun firma, huma għandhom id-dritt li jiltaqgħu mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni biex jippreżentaw il-proposta tagħhom, u jispjegawha waqt seduta pubblika fil-Parlament Ewropew li għandha tivvaluta l-appoġġ politiku għall-inizjattiva.

Tkun xi tkun id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, inizjattiva li tirnexxi dejjem hi opportunità biex jinħoloq dibattitu u jissawru alleanzi fl-Ewropa kollha. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tipproponi l-leġislazzjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE se jiddeċiedu b'mod konġunt (jew f'xi każijiet, hu l-Kunsill waħdu li jiddeċiedi).

Jeżistu skemi simili fil-livell nazzjonali (pereżempju fl-Awstrija, il-Finlandja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, u Spanja). Iżda l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hi unika bħala l-ewwel għodda formali ta' parteċipazzjoni transnazzjonali fid-dinja. U l-livell minimu għas-sottomissjoni hu proporzjonalment ferm aktar baxx mil-livell nazzjonali – il-miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ meħtieġa jirrappreżentaw biss 0.2% taċ-ċittadini tal-UE kollha.

Bis-saħħa tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, iċ-ċittadini tal-UE issa jaqsmu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill id-dritt li jitolbu lill-Kummissjoni sabiex tipproponi leġislazzjoni ġdida.

Ir-regoli li jgġvernaw l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej jinsabu online.

Din in-nota ta' gwida tagħti ħarsa ġenerali tal-passi differenti fil-proċedura tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, billi tipprovdi links għal sorsi rilevanti ta' informazzjoni aktar iddettaljata.






Regoli ġodda minn Jannar 2020

F'Settembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet revizzjoni sfiha tar-regolament li jiggverna l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Ir-regolament il-ġdid dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropew ġie adottat f'April 2019, biex **jibda jiġi applikat minn Jannar 2020**.


Innovazzjonijiet ewlenin fir-regoli l-ġodda:

- Skeda ta' żmien **riveduta** u li tiffaċilita l-affarijiet għall-organizzaturi
- **Iċ-ċittadini kollha tal-UE jistgħu jagħtu l-appoġġ** irrISPETTIVAMENT mill-post ta' residenza tagħhom
- Tnaqqis tal-età ta' appoġġ għal **16** (jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħmlu dan)
- Preparazzjoni → **pjattaforma kollaborattiva online** u opzjoni għall-organizzaturi li jstabbilixxu **entità ġuridika**
- Fażi tar-reġistrazzjoni → proċedura b'żewġ stadji li jekk ikun hemm bżonn tippermetti lill-organizzaturi jirrevedu l-proposta tagħhom
- Reġistrazzjoni parzjali aċċettata u **traduzzjoni bla ħlas tal-kontenut tal-inizjattiva** (inkluż l-anness tagħha) fil-lingwi kollha tal-UE pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea
- Ġbir → **data tal-bidu flessibbli** u **żewġ formoli biss possibbli** biex jinġabru l-frem
- **Sistema ta' ġbir online waħda** pprovduta mill-Kummissjoni bla ħlas (bl-opzjoni għall-organizzaturi li jibnu waħda tagħhom, jekk jixtiequ, għall-inizjattivi rreġistrati **sal-aħħar tal-2022 biss**)
- **Punti ta' kuntatt** disponibbli f'kull Stat Membru biex jipprovdu, bla ħlas, informazzjoni u assistenza lill-gruppi ta' organizzaturi
- Fażi ta' eżaminazzjoni → **sitt xhur** li jippermettu seduta pubblika aktar inklużiva u aktar ħin għall-Kummissjoni biex tikkonsulta l-partijiet ikkonċernati u tanalizza l-inizjattiva.



2

Preparazzjoni u reġistrazzjoni



Preparazzjoni

Il-kompetenzi tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea

Meta ċittadini tal-UE għandhom idea għal leġiżlazzjoni tal-UE, il-pass li jmiss hu li jiġi ċċekkjat li l-UE tista' taġixxi fil-qasam ta' politika indirizzat mill-idea (agrikultura, edukazzjoni, politika soċjali, ambjent, eċċ.) u li l-Kummissjoni Ewropea għandha l-kompetenza li tagħmel proposti f'dak il-qasam, kif definit mit-Trattat.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi tal-UE, jekk jogħġbok irreferi għan-nota ta' gwida dwar **Kif tabbozza inizjattiva**. Il-funzjoni FITTEX PARIR tal-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tista' tipprovdulekk assistenza mfassla apposta matul il-fażi ta' preparazzjoni ta' inizjattiva.

Grupp ta' organizzaturi

Barra milli jivverifikaw li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza li taġixxi, irid jiġi stabbilit grupp ta' organizzaturi biex iniedi l-inizjattiva bħala l-organizzatur uffiċjali tagħha.

Il-grupp għandu jinkludi tal-anqas seba' ċittadini tal-UE li għandhom biżżejjed età sabiex jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u li jgħixu tal-anqas f'seba' Stati Membri tal-UE differenti (mhix in-nazzjonalità tagħhom li tgħodd, iżda l-postijiet ta' residenza tagħhom). Se jinħatru l-persuni ta' kuntatt – rappreżentat wieħed u sostitut wieħed: huma jistgħu



Suġġerimenti

- Mistoqsijiet ġenerali dwar l-UE? Europe Direct għandu t-tweġibiet.
- Ippjana l-kampanja tiegħek b'mod għaqli minn qabel. Aktar ma tibda kmieni bil-preparazzjoni, aktar hemm ċans ta' suċċess!
- Ibda fittex is-sħab li jistgħu jgħinuk tnedi, tiffinanzja u tippromwovi l-inizjattiva tiegħek. Alleanzi b'saħħithom u wesgħin huma l-qofol tas-suċċess tal-inizjattiva. Irreferi għan-noti ta' gwida dwar **Kif tfittex għas-sħab** u **Kif tiġbor il-fondi** għal aktar informazzjoni.
- Eżamina l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej tal-passat u tal-preżent fir-reġistru uffiċjali.
- Ikkuntattja Membri tal-Parlament Ewropew li ħadmu fuq il-kwistjonijiet imqajmin mill-inizjattiva.
- Sib "ambaxxatur" bi profil għoli għall-kampanja tiegħek.

jkunu fost is-7 membri tal-grupp li jgħixu f'7 pajjiżi differenti jew ikunu 2 membri differenti tal-grupp usa'. Għal kull inizjattiva, il-Kummissjoni se tippubblika l-ismijiet tal-membri kollha tal-grupp ta' organizzaturi fir-reġistru uffiċjali tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, kif ukoll l-indirizzi tal-email tal-persuni ta' kuntatt.

Huwa possibbli li tinħoloq **entità ġuridika**, skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, speċifikament għall-fini tal-immaniġġjar ta' inizjattiva. Għandha tingħata informazzjoni dwar din l-entità ġuridika meta tintalab ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva.

| Reġistrazzjoni

Il-mili tal-formola tar-reġistrazzjoni

Sabiex tiġi rreġistrata inizjattiva proposta, ir-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi jeħtieġ li jistabbilixxi **kont tal-organizzatur** bl-email tiegħu/tagħha u jimla/timla l-kaxxa meħtieġa. Il-kontenut ewlieni tal-inizjattiva proposta ma għandux ikun fih aktar minn 1200 karattru (l-ispazji mhux inklużi). Jista' jiżjed ukoll anness ta' mhux aktar minn 5000 karattru (spazji mhux inklużi).

Il-konferma u l-pubblikazzjoni

Fi żmien **xahrejn** mit-talba, u jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva proposta. F'dik id-data, il-Kummissjoni tagħmel l-inizjattiva pubblika fir-reġistru u tibgħat konferma lill-organizzaturi.

Madankollu, jekk inizjattiva taqa' b'mod ċar barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni filwaqt li l-kundizzjonijiet l-oħra kollha jkunu ssodisfati, il-Kummissjoni se tinforma lill-organizzaturi fi żmien **xahar** mis-sottomissjoni tat-talba. F'każ bħal dan, l-organizzaturi jistgħu **jemendaw u jergħu jissottomettu l-inizjattiva** f'konformità mar-rekwiżiti. L-organizzaturi jistgħu wkoll iżommu jew jirtiraw l-inizjattiva inizjali tagħhom iżda jeħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-għażla tagħhom fi żmien xahrejn minn meta jirċievu l-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni mbagħad se tiegħu deċiżjoni fi żmien xahar.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li **tirreġistra parzjalment** inizjattiva, f'każijiet fejn parti jew partijiet biss - inklużi l-oġettivi prinċipali tal-inizjattiva - ma jaqgħux manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni.



Tixtieq servizz aktar adattat għalik?
FITTEX PARIR tal-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej jinsab hawn biex jgħinek.



Suġġerimenti

- Il-kont tal-organizzatur tiegħek se jgħinek timmaniġġja l-inizjattiva tiegħek. Tista' ssib informazzjoni dwar il-passi li jmiss, timmaniġġja s-sottomissjonijiet varji u tibqa' f'kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea.

Imbagħad il-Kummissjoni Ewropea se ttiprovdi t-traduzzjonijiet tad-deskrizzjoni tal-inizjattiva ta' 1200 karattru u tal-anness ta' 5000 karattru lill-organizzaturi.

Informazzjoni relatata mas-sorsi kollha ta' appoġġ u ta' finanzjament li għandhom valur aktar minn EUR 500 fis-sena u għal kull sostenitur riċevuti matul il-kampanja għandha tkun ipprovduta b'mod regolari matul il-proċedura.

Jekk il-Kummissjoni tirrifjuta li tirreġistra l-inizjattiva, hi tinforma l-organizzaturi bir-raġunijiet tagħha u b'kwalunkwe rimedji possibbli disponibbli.




Fil-Forum tal-Inizjattiva taċ-
Ċittadini Ewropej u fis-sit web
tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej
tista' ssib aktar informazzjoni dwar
il-preparazzjoni u r-reġistrazzjoni.



3

Ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ



L-organizzaturi għandhom **12-il xahar** biex jiġbru tal-anqas miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ, inkluż in-numru minimu tal-anqas f'seba' Stati Membri (ara l-mappa hawn taħt). L-organizzaturi jistgħu jagħżlu d-data minn meta jibdeu il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ (il-“perjodu ta’ ġbir”). Id-data trid tkun **mhux aktar tard minn sitt xhur mir-reġistrazzjoni** tal-inizzjattiva u l-Kummissjoni għandha tkun infurmata b'dik l-intenzjoni tal-inqas 10 ijiem ta' xogħol qabel dik id-data.

Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu ffirmati online jew f'forma stampata. Il-firmatarji jridu jkunu **ċittadini tal-UE u b'età biżżejjed biex jivvutaw** fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (età ta' 18-il sena ħliet għall-Awstrija, Malta u l-Greċja) - sakemm l-Istat Membru ma jkunx iddeċieda li jbaxxi l-età minima għall-firmatarji għal 16 u jkun informa lill-Kummissjoni dwar dan.

Livell limitu għal kull pajjiż għal inizzjattivi rreġistrati mill-1 ta' Frar 2020.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara: https://europa.eu/citizens-initiative/thresholds_mt



Għall-forma stampata, il-firem iridu jinġabru bl-użu ta' formoli speċifiċi li jikkonformaw mal-mudelli stabbiliti fl-Annex III tar-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej mal-kontenut tal-inizjattiva li tikkorrispondi għat-test ippubblikat fir-reġistru. Jekk l-inizjattiva tkun għet irreġistrata parzjalment, il-formoli jridu jinkludu wkoll l-ambitu tar-reġistrazzjoni kif deskritt fid-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni .

Matul il-proċedura, l-organizzaturi għandhom jiżguraw li jikkonformaw mal-leġislazzjoni tal-protezzjoni tad-data.

| Sistema ta' ġbir online

Għall-fini tal-ġbir online, il-Kummissjoni tipprovdi **sistema ċentrali ta' ġbir online** bla hłas.

In-nota ta' gwida dwar **Kif issir kampanja** tipprovdi aktar informazzjoni.



Importanti:

Is-sistemi individwali ta' ġbir online huma possibbli biss għal inizjattivi rreġistrati sa tmiem l-2022.

Għal aktar informazzjoni dwar il-fażi tal-ġbir, jekk jogħġbok irreferi għan-nota ta' gwida f'**Kif jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ**.



Suġġerimenti

- Ipprepara l-azzjonijiet u l-pjanijiet ta' kampanja meħtieġa fil-livelli kollha – UE, nazzjonali u lokali.
- Iddeskrivi t-tema tal-inizjattiva tiegħek b'mod ċar u kkonnettjaha ma' każijiet mill-ħajja ta' kuljum biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jidentifikaw lilhom infushom magħha.
- Mexxi l-kampanja bil-lingwi nazzjonali biex tiffaċilitaw l-impenn taċ-ċittadini.
- Stabbilixxi rabta soda bejn il-politiki lokali u nazzjonali u l-inizjattiva tiegħek; allinja l-inizjattiva tiegħek ma' diskussjonijiet ta' politika li jkunu għaddejjin.
- Uża l-kuntatti personali u n-networks tas-sħab tiegħek biex twessa' l-kampanja.
- Timijiet lokali u nazzjonali sodi huma l-qofol tas-suċċess tal-inizjattiva.
- Il-voluntieri huma r-riżorsa l-aktar importanti u qawwija, strieħ fuqhom! Huma għandhom ikunu jistgħu jispjegaw kemm l-inizjattiva kif ukoll kif taħdem l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Biex tispjega l-istrument u kif jaħdem, tiddejjaxx tuża l-materjali ta' komunikazzjoni magħmula disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-Kummissjoni Ewropea.
- Ikkomunika! Żomm il-moral għoli billi taġġorna b'mod regolari lil kull min hu involut dwar il-progress tal-ġbir tal-firem.
- Iffoka l-kampanja fuq pajjiżi li fihom it-tema hi magħrufa u popolari.
- Uża il-media soċjali u ta' komunikazzjoni oħra biex tippromwovi l-inizjattiva. Agħmel użu intelliġenti tal-istampa.
- Oqgħod attent għall-miri tal-ġbir tal-firem f'kull pajjiż.
- Uża l-ġbir tal-firem fuq karta meta tattendi festivals u avvenimenti fejn gruppi kbar ta' nies huma miġburin fl-istess post. Dan hu mod tajjeb kif jiġu reklutati voluntieri ġodda.

| Verifika

Ladarba jingħalaq il-perjodu tal-ġbir (fl-aħħar tat-12-il xahar jew qabel jekk l-organizzaturi jkunu jixtiequ dan) u jekk ikunu nġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa, l-organizzaturi għandhom **tliet xhur** biex jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-verifika.

L-organizzaturi għandhom jistaqsu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' kull Stat Membru li fihom ikunu nġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ biex jiċċertifikaw il-validità tagħhom.

Il-Kummissjoni se tiegħu ħsieb is-sottomissjoni għad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin online permezz tas-**sistema ċentrali ta' ġbir online**.

Il-Kummissjoni se tagħmel disponibbli wkoll **servizz ta' skambju ta' fajls sikur** biex tittrasferixxi d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istati Membri. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha (kemm il-verżjonijiet elettroniċi kif ukoll dawk skenjati tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin fuq il-karta) jistgħu jiġu applowdjati f'forma kkriptata fis-sistema.


Jeħtieġ li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jintbagħtu lil kull awtorità kompetenti fl-Istat Membru responsabbli, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness V tar-regolament.

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se joħroġu ċertifikat fi żmien **tliet xhur**.



Suġġerimenti

- Xi firem aktarx li jkunu misjubin invalidi mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Biex tkun żgur, iġbor firem żejda f'kull pajjiż.



4

Sottomissjoni, eżaminazzjoni u deċiżjoni tal-Kummissjoni



Sottomissjoni

Ladarba jkunu kisbu l-aħħar ċertifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-organizzaturi għandhom **tliet xhur** biex jippreżentaw l-inizjattiva lill-Kummissjoni Ewropea. L-organizzaturi jridu jippreżentaw, permezz tal-kont tal-organizzatur tagħhom, il-formola speċifika stabbilita fl-Anness VII flimkien mal-kopji, f'forma fuq il-karta jew f'forma elettronika, taċ-ċertifikati miksuba fil-fażi ta' verifika.

Eżaminazzjoni

Il-Pubblikazzjoni u l-Laqqgħa mal-Kummissjoni Ewropea

Meta l-Kummissjoni tirċievi inizjattiva valida, għandha tippubblika avviż li jiddikjara dan fir-reġistru u tittrasmetti l-inizjattiva lill-istituzzjonijiet Ewropej rilevanti u lill-parlamenti nazzjonali.

Fi żmien **xahar** mill-preżentazzjoni tal-inizjattiva, l-organizzaturi se jiltaqgħu mar-rappreżentati tal-Kummissjoni biex jispjegaw fid-dettall l-inizjattiva tagħhom.

Is-seduta ta' smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew

Fi żmien **tliet xhur** mill-preżentazzjoni tal-inizjattiva, l-organizzaturi se jingħataw ukoll l-opportunità li jippreżentaw l-inizjattiva tagħhom fi smiġh pubbliku organizzat mill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni Ewropea



Suġġerimenti

- Agħżel l-individwi bl-aktar għarfien espert kemm għall-laqqgħa mal-Kummissjoni kif ukoll għas-seduta ta' smiġh tal-Parlament Ewropew biex jitkellmu b'leħen qawwi fl-Ewropa.
- Irrihersja! Żgura li r-rappreżentanti huma konvinċenti u ċari meta jippreżentaw l-inizjattiva.

se tattendi s-seduta ta' smiġh u l-Parlament Ewropew jeħtieġ jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-interessi pubbliċi u privati rilevanti. Il-Parlament Ewropew għandu jivvaluta l-appoġġ politiku għall-inizjattiva. Wara s-smiġh pubbliku, il-Parlament Ewropew jista' jorganizza dibattitu plenarju u jadotta riżoluzzjoni sabiex jivvaluta l-appoġġ politiku għall-inizjattiva.

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea

Fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni tal-inizjattiva u wara s-smiġh pubbliku, il-Kummissjoni Ewropea se tħabbar id-deċiżjoni tagħha permezz ta' Komunikazzjoni li tispjega liema azzjonijiet biħsiebha tiegħu, jekk ikun hemm, u għaliex. Il-Komunikazzjoni se tistabbilixxi wkoll l-iskeda taż-żmien prevista għal dawn l-azzjonijiet.

Il-Parlament Ewropew se jivvaluta l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni bħala riżultat tal-komunikazzjoni tagħha.

Modi oħrajn li bihom tista' tiġi influwenzata l-Unjoni Ewropea

Jekk wara li taqra din in-nota taħseb li l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej mhix l-għodda adatta għalik, agħti daqqa t'għajjn lejn dawn il-mekkaniżmi oħrajn biex issamma' leħnek fil-livell tal-UE.



Suġġerimenti

- Kun paċenzjuż! Il-preparazzjoni tal-Kummissjoni ta' proposta leġiżlattiva tista' tkun proċess twil. Segwi l-istadji differenti (eż. il-konsultazzjonijiet, il-valutazzjoni tal-impatt, eċċ.) u kompli ppromwovi l-ideat tiegħek.
- Kun lest! Il-Kummissjoni ssegwi fuq bażi kontinwa u, sa fejn hu possibbli, iżżomm rabta mal-organizzaturi.

L-informazzjoni pprovduta hi indipendenti u ma tistax tiġi kkunsidrata li hi l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea jew ta' kwalunkwe istituzzjoni nazzjonali jew tal-UE oħra. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli minn xi użu li jista' jsir tal-informazzjoni li tinsab hawn.